# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 30 – IL-ĦAMIS 12 TA' FRAR 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-7:55pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

Il-laqgħa bdiet b'minuta silenzu għal eks kuntrattur tal-Kunsill, Joe Gauci.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 29**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li l-accountant tal-Kunsill kien infurmaha li ma setax jattendi u għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa b'urġenza minħabba l-approvazzjoni tal-end of year financial statements 2014. Kien hemm qbil li l-laqgħa ssir l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-6:30pm.

2.2 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet l-ittra għal *doggie park*. Fuq mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li kienet se tkellem lura lis-SE tar-Reġjun Tramuntana dwar id-*doggie bins*.

2.3 Is-SE infurmat li dwar l-iskips li kienu ġew relokati minn Triq Dar il-Kaptan, il-Kunsill kien irċieva lment wieħed bil-miktub dwar l-iskip ta' Triq il-Fosos tal-Qamħ. Kien hemm qbil ġenerali li jidher li dawn ġew aċċettati ladarba mhux qed ikun hemm abbuż fuqhom, saħansitra kien hemm anke kummenti favorevoli. Fuq suġġeriment li ressaq il-Kunsillier Mifsud biex issir skip viċin ta' Binja Msieraħ, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti.

2.4 Is-SE infurmat li l-applikazzjonijiet għall-ambaxxatur taż-żgħażagħ jagħlqu nhar l-20 ta' Frar.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu u s-SE kienu f'diskussjonijiet mal-MEUSAC dwar possibbiltà li ssir applikazzjoni taħt l-istrand European Remembrance fejn se jipparteċipaw ukoll żewġ organizzazzjonijiet oħra, waħda mill-Ingilterra u oħra mill-Irlanda. Il-Kunsill qabel li għandha ssir l-applikazzjoni għaliex din kellha l-għan li tkabbar aktar l-attività ta' Military Mtarfa, permezz tal-preżenza tar-*re-enactors* barranin. Is-SE u s-Sindku għandhom iżommu lill-Kunsill infurmati dwar xi żviluppi li jkun hemm.

3.2 Is-Sindku informa li s-Sibt kien se jibda t-tindif tax-xelter tal-gwerra bl-għajnuna tal-entitajiet. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu.

3.3 Is-Sindku informa li kien beda għaddej ix-xogħol ta' għażla ta' kotba tal-librerija, se jinxtara xi materjal teknoloġiku, issir connectivity għal-librara kif ukoll li jkun hemm wifi għal min ikun qed jagħmel riċerka. Se tiġi ordnata wkoll xi għamara ġdida u possibbilment TV screen kbir.

3.4 Is-Sindku ta aktar dettalji dwar il-kriterji stabbiliti għaż-żgħażagħ li jixtiequ japplikaw għall-Iskambju mal-Iżvezja. Is-Sindku informa li se jkollu bżonn ta' 12-il żagħżugħ/a u li hemm possibbiltà li jkollhom iħallsu miżata żgħira għalkemm l-iskambju huwa ssussidjat fil-maġġorparti tiegħu.

3.5 Hawnhekk il-laqgħa twaqqfet għal ftit sabiex il-Kunsill jiddiskuti mas-Sur Joe Attard, CEO tal-GreenMT. Il-ħin kien id-8:55pm u l-laqgħa tkompliet fid-9:30pm.

3.6 Wara din il-laqgħa l-Kunsill talab lis-SE sabiex tivverifika mal-avukat jekk kienx possibbli li l-Kunsill inaqqas ġurnata mill-ġbir tal-iskart imħallat u dwar il-possibbiltà li l-iskips jitneħħew għal kollox.

3.7 Is-Sindku fakkar li matul ix-xahar ta' Marzu kienet ġejja delegazzjoni żgħira minn Pumpherston dwar il-possibbiltà li jsir ġemellaġġ ġdid ma' din il-komunità Skoċċiża.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Jannar 2015.

## 5. MEMO 4/2015 - KUMITAT TAL-FINANZI

5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni għall-kopja tal-memo li kienet għadditilhom.

5.2 Kien hemm qbil li l-kumitat tal-finanzi għandu jkun magħmul mis-Sindku, is-SE, l-accountant u l-Kunsillier Mifsud.

## 6. RAPPORT DWAR ĠEMELLAĠĠ MA' ARVIDSJAUR

6.1 Is-SE infurmat li kien l-obbligu tagħha skont il-liġi li tirraporta li ma kienet saret ebda attività flimkien mal-belt ta' Arvidsjaur fl-Iżvezja matul is-sena 2014.

## 7. IL-PROĠETT TAL-BOSK

7.1 Is-SE infurmat li hekk kif ikkomunikat permezz tal-email, kellha terġa' toħroġ offerta ġdida għall-aħħar lot li jinkludi l-għamara (bankijiet, struttura tal-logħob, eċċ). Id-data tal-ftuħ tal-offerti se tkun it-Tlieta 3 ta' Marzu f'nofsinhar. Kien hemm qbil li għandhom jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera Bugeja.

7.2 Il-Kunsill qabel li għandu jsir xi xogħol ta' tħammil u livellar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bosk. Dan ix-xogħol se jiswa €1039 (VAT inkluża).

## 8. PJAN TA' ATTIVITAJIET GĦAS-SENA 2015

8.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tas-sottokumitat dwar attivitajiet li ġew maħsuba għas-sena 2015:

Frar – Ħarġa għar-Redentur tal-Isla

17 ta' Marzu – Ħarġa għall-monti tal-Birgu (u oħra f'Novembru)

19 – 22 ta' Marzu – Żjara minn delegazzjoni minn Pumpherston fl-Iskozja

30 ta' Marzu – 1 ta' April – Pageant flimkien mad-Drama Group

3 ta' April – Ħarġa tal-Ġimgħa l-Kbira

24 ta' April – Lejla Poe-Mużikali fejn jingħataw ukoll Ġieħ u Mertu l-Imtarfa

26 ta' April – Ftuħ tax-xelter tal-gwerra

Hawnhekk qamet diskussjoni dwar jekk għandhiex tiġi organizzata l-attività ta' Military Mtarfa din is-sena. Il-Vici Sindku qal li huwa ma jħossx li l-Kunsill għandu jalloka €5000 għal din l-attività għas-sena 2015 u ssuġġerixxa li dawn il-flus jiġu mġemmgħin sabiex jintużaw bħala parti minn proġett żgħir li jsir bil-flus tal-Kunsill.

8.2 Kien hemm qbil

8.3 Sadanittant fakkret

## 9. IL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

9.1 Is-SE fakkret li għandha tinżamm il-laqgħa tal-lokalità sabiex il-Kunsill jagħti rendikont lir-residenti dwar il-ħidma tiegħu matul is-sena li għaddiet u kif se jitqassam il-baġit tas-sena 2015.

9.2 Kien hemm qbil li din għandha tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu fis-7pm.

## 10. *PERFORMANCE BONUS* TAS-SE U L-ISKRIVAN

10.1 Kien hemm qbil li s-SE għandha tingħata 10% *performance bonus*.

10.2 Kien hemm qbil li l-iskrivan għandu jingħata 6% *performance bonus*.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Is-SE infurmat li kienet inkisret bankina fi Triq l-Imtarfa wara li sar xogħol bi krejn fuq il-faċċata l-oħra, wara li probabbilment xi vettura kbira telgħet fuq il-bankina għaliex ma kienx hemm wisa' minn fejn tgħaddi. Minħabba li t-tkissir sar b'mod indirett max-xogħol, kien hemm qbil li l-garanzija tax-xogħol għandha tingħata lura.

11.2 Is-Sindku talab direzzjoni mingħand il-Kunsill rigward kwistjoni fi Triq il-Ġilju wara li xi residenti talbu li titneħħa t-tabella ta' No Parking. Hawnhekk il-Kunsill ma qabilx li t-tabella għandha titneħħa. Is-Sindku ma qabilx ma' din id-deċizjoni.

11.3 Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-vettura bin-numru 51. Is-Sindku informa li kien tkellem ma' TM diversi drabi. Kien hemm qbil li għandna nistennew lill-operatur il-ġdid biex naraw ikunx hemm xi żviluppi jew tibdiliet li jgħinu lis-servizz biex jopera aħjar.

## 10. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2015 fis-7:30pm.

________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________

**Daniel John Attard**
**Sindku**